MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2014

Numru 463/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs.**

**Abdesalam Briga Rawad**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Abdesalam Briga Rawad**, iben Abdelsalam u Somia Elfitori neé Zomit, mwieled Tripoli nhar l-1 ta' April 1985 u residenti gewwa 6, Sqaq San Pietru, Hal Qormi u detentur tan-Numru tar-Refugjati 14005/2012, akkuzat talli nhar is-27 ta' Marzu 2014 bejn is-1.00 ta' filghodu u t-3.00 ta' filghodu gewwa San Giljan u f'dawn il-Gzejjer:

1. ikkometta serq ta' *handbag*, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94) izda ma jeccediex l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37) ghad-detriment ta' Catherine Paola Garzon Vasquez u dan bi ksur tal-Artikoli 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. ikkometta dan ir-reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Magistrat Dr. J. Apap Bologna nhar is-6 ta' Dicembru 2012, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel skond l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li, f'kaz ta' htija, tikkunsidra lil hati bhala recediv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-Prosekuzzjoni tirtira t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien ragonevoli jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjoni li huwa ammetta ghaliha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi: fosthom in-natura tar-reat addebitat lill-imputat u li giet pruvata, il-fedina penali tieghu, u l-ammissjoni bikrija tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, *stante* li din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni, wara li rat Artikoli 261(c), 261(f), 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni issib lill-imputat Abdesalam Briga Rawad hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sena prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------